# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Frar 2002**

**Rikors numru 3/97**

**Numru 38**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Mario Xuereb**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih, ir-rikorrenti wara li ppremetta illi b'ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru 1994 l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' 278 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' dawret Birkirkara u mill-Grigal ma' proprjeta ta' Paul Magri ndikata bhala item 4C fir-rapport tal-Perit O. Caruana Montaldo A & CE tal-24 ta' Jannar

1994 u plot 4C fil-pjanta L.D. 193B/90/1, li estratt u kopja taghhom rispettivament huma annessi mal-Avviz Ghall Ftehim huwa ta' mija u disgha u tletin liri Maltin (Lm139), kif jidher mir-rapport tal-Perit O. Caruana Montaldo A & CE tal-24 ta' Jannar 1994.

Illi b'ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 1995 l-intimat fost affarijiet ohra ddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert.

Illi b'cedola ta' depositu pprezentata fl-20 ta' Marzu 1995 gie depositat il-kumpens offert ta' mija u disgha u tletin Liri Maltin (Lm139) ghall-bicca art fuq deskritta u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap. 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimat milli jkompli jikkontesta quddiem il-Bord l-ammont offert lilu liema ammont pero', ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

Ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord jiffissa il-kumpens relattiv ghall-art imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra d-dokumenti kollha annessi mal-atti minn <u>fol 3 sa fol 10</u>.

Ra r-risposta tal-intimat (fol 12A tal-atti) li biha espona bir-rispett illi l-esponenti jopponi ruhu ghall-kumpens ta' Lm139 offrut mir-rikorrent u dan in vista tal-fatt li l-imsemmi kumpens ma jirriflettix il-valur reali tal-proprjeta in kwistjoni.

Ra l-atti kollha tal-kaz, specjalment dak verbalizzat a fol 31 tal-atti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-intimat, kif jidher mill-atti tal-kaz ma ipproduca ebda prova avolja kienu saru diversi differimenti ghal dan il-ghan.

Illi, effettivament, waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju 2001, l-istess intimat iddikjara li ma kienx ser jippresenta xi prova u li kien qed jaqbel mal-istima a fol 4 tal-istess atti u markata <u>Dok A</u>.

Illi mill-istess stima, jidher li l-art in kwistjoni kif deskritta fir-rikors in esami kienet giet stmata <u>Lm139</u>.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa t-talba kif dedotta mir-rikors in esami u jiffissa l-kumpens relattiv ghall-art in kwistjoni fis-somma ta' Lm139. Bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur